**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 222/19 AGV**

AB

Vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewwget fl-4 ta' Gunju, 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal E li twieled fid-29 ta' Ottubru, 1997 li illum huwa maggorenni u FD li twieled fis-26 ta' Frar, 2000 u li sfortunatament illum huwa mejjet.

2. Illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Dr. Karen Farrugia Cachia mit-30 ta' Dicembru, 2013 (Dok.A).

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal-rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn hames snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partjiet.

5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-4 ta' Gunju, 1997 jigi mahlul u ddikjarat bhala xolt.

b) Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li l-intimat m'opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 30 ta’ Dicembru, 2013 fl-atti tan-Nutar Dr. Katia Farrugia Cachia. Tikkonferma ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-4 ta’Gunju, 1997 bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |